



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 5 ta' Jannar 2009 (14.01)
(OR. en)**

**5005/09
ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0267 (COD)**

**SOC 1
ECOFIN 1
FSTR 1
COMPET 1
CODEC 1**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Dokument ta' Ħidma mill-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal- Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni - Taqsira Tal-Istima Tal-Impatt

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2008) 3056.

Mehmuż: SEC(2008) 3056



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 16.12..2008
SEG(2008) 3056

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

li jakkumpanja

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew
ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

TAQSIRA TAL-ISTIMA TAL-IMPATT

{KUMM(2008) 867 finali}
{SEG(2008) 3055}

DAĦLA

Fid-dawl tal-iskala u l-ħeffa tal-kriżi ekonomika attwali l-proposta mħejjija mill-istima tal-impatt attwali kellha tiġi adottata. Il-Kummissjoni ħabbret fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku tagħha, adottat fis-26 ta' Novembru 2008, li hija se tipproponi li jiġi estiż l-ambitu tal-EGF bħala parti mir-reazzjoni tal-Ewropa għall-kriżi u tbiddlu fi strument bikri ta' intervent aktar effettiv f'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ġustizzja soċjali. Dan wassal għall-introduzzjoni fil-proposta finali tal-estensjoni tal-ambitu għal "tħarbit serju fl-ekonomija minħabba l-globalizzazzjoni", element li ma kienx kopert mill-verżjoni tal-istima tal-impatt ippreżentata lill-Bord tal-Istima tal-Impatt.

L-istima tal-Impatt tikkonċerna r-reviżjoni skedata tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ("ir-Regolament tal-EGF"), li fl-Artikolu 20 jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tressaq proposta għal reviżjoni tar-Regolament abbażi tal-ewwel rapport annwali tagħha. Il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport tagħha fl-ewwel sena ta' operat tal-EGF fit-2 ta' Lulju 2008 u indikat f'dak ir-rapport li se tinvestiga modi kif ittejjeb il-prestazzjoni tal-EGF. L-istima tal-impatt twettqet bejn Lulju u Settembru 2008. Fid-dawl tal-iskadenzi diffiċli ta' żmien għal avvanz fi ħdan il-Parlament Ewropew, id-dipartimenti l-oħra kkonċernati ġew ikkonsultati fuq bażi *ad hoc* matul it-tnejn tal-istima tal-impatt.

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-esperti u l-imsieħba soċjali tal-Istati Membri darbtejn: l-ewwel f'Lulju 2008 permezz ta' kwestjonarju relatat mal-operati u l-ġestjoni tal-EGF u mat-titjib possibbli identifikat fir-rapport annwali tal-EGF, u t-tieni f'konferenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra li saret fi Brussell fl-4 ta' Settembru 2008. Minbarra l-opinjoni espressi mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati l-oħra b'reazzjoni għall-konsultazzjoni, l-istima tal-impatt użat ukoll dejta esterna rilevanti. Hija ġiet riveduta biex tqis l-opinjoni tal-Bord tal-Istima tal-Impatt.

ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

L-EGF inholq f'Diċembru 2006 biex jippermetti lill-Unjoni Ewropea turi solidarjetà mal-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex tipprovdi lhom appoġġ. Huwa jkopri l-perjodu 2007-2013 u għandu baġit massimu annwali ta' EUR 500 miljun biex jappoġġja miżuri attivi ta' politiki tas-suq tax-xogħol bħalma huma għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ u benefiċċji finanzjarji għal mobilità. Fl-istima tal-impatt tal-proposta oriġinali għar-Regolament tal-EGF ġie preżunt li l-EGF tista' tappoġġja 35 000 sa 50 000 ħaddiema fis-sena b'bejn EUR 10 000 u 20 000 kull wieħed.

Ir-riżultat tal-ewwel 18-il xahar tal-operati tal-EGF huwa sinifikament inqas minn dak: matul l-2007 u l-ewwel nofs tal-2008 l-EGF rċeviet 12-il applikazzjoni għal appoġġ minn tmien Stati Membri, li jammontaw għal total ta' EUR 67.5 miljun tal-appoġġ tal-EGF għal 15 000 ħaddiem, u li jsarrfu f'medja ta' EUR 4 500 għal kull ħaddiem.

Barra minn dan, fil-proposta tagħha għal Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku l-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li tagħmel l-EGF strument aktar effettiv ta' intervent bikri u biex tutilizza bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu bħala parti mir-reazzjoni tal-kriżi. Ir-Regolament tal-EGF attwali jispeċifika li huma eliġibbli għal appoġġ is-sensji relatati mal-kummerċ biss.

Minkejja dan il-kriżi globali tħalli impatt fuq l-ekonomija reali u l-impjieg f'diversi modi oħra apparti permezz tal-kummerċ (internazzjonali). Flimkien ma' li tnaqqas il-limitu minimu għal appoġġ il-Kummissjoni qed tippromovi li tinkludi tibdiliet fid-definizzjoni tal-eliġibilità tal-EGF biex tinkludi sensji li jsejtnu b'riżultat ta' tħarbit serju fl-ekonomija u b'hekk tirreaġixxi direttament għall-effetti tal-kriżi fuq l-impjieg. B'dan il-mod l-EGF se jkun jista' jagħti appoġġ lil aktar ħaddiema li fil-fatt jingħataw is-sensja mill-globalizzazzjoni iżda li s'issa ma setgħu jingħataw għajjnuna. Il-problemi ewlenin huma:

- jekk l-għan iddikjarat ta' solidarjetà huwiex qed jintlaħaq mill-EGF attwali, jiġifieri jekk l-EGF huwiex disponibbli għall-ħaddiema kkonċernati li ngħataw is-sensja;
- jekk l-azzjonijiet tiegħu jikkorrispondux mal-ħtiġijiet tal-individwi, u
- jekk l-EGF huwiex strument adegwat fil-konfront tal-kriżi finanzjarja globali.

Fl-2007 l-European Restructuring Monitor (ERM - jew l-Osservatorju Ewropew ta' Ristrutturazzjoni) irreġistra 66 każ ta' ristrutturazzjoni ta' intrapriżi li kienu jinvolvu aktar minn 1 000 ħaddiem, u kien hemm 38 każ ulterjuri fl-ewwel nofs tal-2008, meta mqabbel ma' 12-il każ tal-EGF matul l-2007 u l-2008. Iċ-ċifri tal-ERM jkopru l-episodji rreġistrati kollha irrispettivament min-natura tagħhom u wħud minnhom jaqgħu evidentament 'il barra mid-definizzjoni attwali tal-EGF tal-eliġibilità. Minkejja dan, l-Istati Membri informaw lill-Kummissjoni li anki skont ir-regoli attwali setgħu saru applikazzjonijiet ulterjuri għal għajjnuna tal-EGF, iżda dan ma sejhix għal diversi raġunijiet. L-evidenza miġbura mill-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-opinjoni espressi matul il-konsultazzjoni jindikaw li jistgħu jeżistu każijiet fejn is-sensji jiġu estiżi fuq perjodu itwal, u ma jippermettux li jintlaħaq il-limitu minimu fi żmien il-perjodu ta' referenza. Huwa partikolarment diffiċli li tiġbor informazzjoni mil-livelli reġjonali u lokali fi żmien perjodi qosra ta' referenza.

L-ERM irreġistra wkoll 73 episodju li kien jinvolvi bejn 500 u 1 000 ħaddiem u, l-istess bħal fil-każ tal-każijiet ikbar, huwa probabbli li wħud minn dawn l-episodji huma kkawżati minn bidliet fix-xejriet kummerċjali internazzjonali. Minkejja dan, dawn il-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kummerċ ma jistgħux jibbenefikaw minn għajjnuna tal-EGF minħabba l-kriterji attwali tiegħu ta' eliġibilità.

Minn dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet jista' jiġi konkluż li l-għan tas-solidarjetà tal-EGF qed jintlaħaq biss parzjalment permezz tar-regoli attwali u li din il-qagħda tista' tiġi indirizzata billi jitnaqqas il-limitu minimu tas-sensji għall-applikazzjonijiet tal-EGF minn 1 000 għal 500 ħaddiem.

Dwar il-kwistjoni ta' jekk l-azzjonijiet tal-EGF jikkorrispondux mal-ħtiġijiet tal-ħaddiema individwali, analiżi tal-każijiet tal-EGF, il-mistoqsijiet l-iktar frekwenti lill-Kummissjoni u l-kontribut mill-esperti tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra tindika li t-taħlita ta' rekwiżiti (speċjalment l-implimentazzjoni ta' pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati fi żmien perjodu ta' 12-il xahar) hija detrimental għall-kwalità tal-azzjonijiet u ma tħallix biżżejjed żmien għal miżuri biex ikunu effettivi fl-integrazzjoni mill-ġdid f'impjieg ġodda speċjalment tal-ħaddiema l-aktar vulnerabbli. Għalhekk qed jiġi propost li l-implimentazzjoni tiġi estiża għal 24 xahar.

Minbarra dan, biex il-kofinanzjament tal-EGF jappella aktar għall-Istati Membri qed jiġi propost li r-rata ta' intervent komuni tiżdied għal 75 % biex tersaq iktar f'konformità mal-Fondi Strutturali.

L-GĦANIJIET

L-għan ġenerali tal-politika huwa li jingħata lill-Unjoni strument effiċjenti biex tirreaġixxi b'mod flessibbli u kunfidenti għal tħarbit ekonomiku serju li jinholq mill-globalizzazzjoni. L-għan speċifiku ta' politika huwa li l-EGF jsir strument bi prestazzjoni aqwa u wieħed aktar flessibbli billi tiġi estiża l-kopertura tal-Fond u tissaħħaħ l-effettività tiegħu fl-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-globalizzazzjoni. L-għanijiet immirati tal-operat huma li: (1) jiġu adattati l-kriterji ta' eliġibilità biex jirriflettu aħjar il-karatteristiċi tas-suq tax-xogħol; (2) tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid; (3) il-kofinanzjament mill-EGF jsir b'mod li jappella iktar lill-Istati Membri; (4) jiżguraw trattament ugwali tal-ħaddiema kollha affetwati minn żviluppi fis-suq globali; (5) itejbu l-kwalità ta' applikazzjonijiet u miżuri; u (6) jagħtu ċertezza legali dwar elementi ewlenin li mhumix definiti fir-Regolament attwali tal-EGF.

IL-POSSIBILITAJIET TA' POLITIKA U L-VALUTAZZJONI

Erba' alternattivi - b'żewġ varjanti għat-tielet alternattiva - ġew ivvalutati mil-lat tal-impatt soċjali, ekonomiku u baġitarju tagħhom:

- Skont l-alternattiva 1, "*L-ebda bidla*", ir-Regolament tal-EGF jibqa' japplika mingħajr ma jinbidel. Il-vantaġġi ta' din l-alternattiva jirrelataw mal-kontinwità mil-lat tal-qafas leġislativ u l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-EGF. Minħabba li l-2007 u l-2008 kienu snin partikolari fis-sens li kien hemm għadd baxx b'mod eċċezzjonali ta' episodji ta' sensji tal-massa, wieħed jistenna li l-għadd tal-episodji eliġibbli tal-EGF jirdoppja fl-2009 u lil hinn minnha.
- Skont l-alternattiva 2, "*L-ebda bidla flimkien ma' xi titjib*", jiġi introdott għadd ta' titjib tal-operat mingħajr bidliet fir-Regolament tal-EGF. Dan it-titjib ikun jinvolti: is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni; l-użu ta' networks eżistenti għall-promozzjoni tal-interess fl-EGF fost partijiet interessati potenzjali u l-iskambju ta' esperjenzi tajbin; il-kjarifika tal-eliġibilità tas-settur tas-servizzi u għall-miżuri bħal konċessjonijiet għall-mobilità u mikrokrediti; żieda fl-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex tinkiseb aktar viżibilità għall-EGF. Minkejja dan, għadd ta' żvantaġġi b'din l-alternattiva tagħmel lill-EGF inqas effettiv bħala strument ta' finanzjament li kien maħsub mil-leġislatur: l-Istati Membri jissuktaw jiffaċċjaw diffikultajiet biex jilhqqu l-kriterji ta' intervent u l-perjodu qasir ta' finanzjament xorta jibqa' jagħmilha diffiċli li jiġu pprovduti azzjonijiet li jilhqqu l-ħtiġijiet tal-ħaddiema kkonċernati.

Skont l-alternattiva 3, "*Titjib u bidliet operazzjonali*", il-Kummissjoni vvalutat żewġ varjanti relatati mal-kriterju tal-eliġibilità:

- Skont il-"varjant A: Kummerċ" tal-alternattiva 3, il-kriterju tal-eliġibilità jkompli jgħib bidliet fit-tendenzi tal-kummerċ dinji, iżda r-Regolament tal-EGF jiġi emendat fil-modi li ġejjin: tnaqqis fil-kwantità tal-limitu *de minimis* ta' nies li ngħataw is-sensja minn 1 000 għal 500; inklużjoni tan-nies li ngħataw is-sensja qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza fost il-ħaddiema li ngħataw is-sensja eliġibbli għas-sostenn tal-EGF; estensjoni tal-perjodu taż-żmien għall-implimentazzjoni tas-sostenn tal-EGF minn 12-il xahar għal 24 xahar; kjarifika tal-ammont disponibbli għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u t-twessigħ tal-ambitu tal-assistenza teknika permezz tal-inklużjoni ta' attivitajiet progressivi; kjarifika tat-tifsira ta' "użu" tal-kontribuzzjoni finanzjarja; u żieda fir-rata

standard tal-intervent għal appoġġ tal-EGF minn 50 % għal 75 % tal-ispejjeż totali. L-alternattiva 3 "varjant A: Kummerċ" tippermetti għadd akbar ta' ħaddiem li ngħataw is-sensja li jibbenefikaw mill-EGF u li jagħmlu dan għal perjodu itwal. L-impatt għandu jkun pożittiv b'mod sinifikanti mil-lat ta' integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieġ u l-effettività tal-miżuri li jiġu kofinanzjati. Minkejja dan, dan il-varjant ma jippermettix lill-EGF biex jiżgura trattament indaqs għal ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet ewlenin fis-swieq dinjija.

- Skont il-"varjant B: Swieq" l-alternattiva 3, ir-Regolament tal-EGF jiġi emendat kif deskritt hawn fuq b'differenza waħda: l-eliġibilità titwessgħa minħabba bidliet kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji biex tinkludi wkoll bidliet kbar fis-swieq tad-dinja, bħal bidliet fil-produzzjoni u fit-teknoloġija tal-prodott, bidliet fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni (bħal sottokuntrattar ta' kumpaniji) u aċċess għall-materji primi u fatturi oħra ta' introduzzjoni, u l-prezz tagħhom. L-alternattiva 3 "varjant B: Swieq" tgħaqqad l-impatt pożittiv tal-varjant deskritt hawn fuq ma' solidarjetà u inklużjoni soċjali miżjuda b'riżultat tal-estensjoni tal-ambitu tal-episodji ta' globalizzazzjoni eliġibbli għall-appoġġ tal-EGF.
- Skont l-Alternattiva 4 "Titjib u bidliet operazzjonali li jirreaġixxu għal tħarbit serju fl-ekonomija minħabba l-globalizzazzjoni" r-Regolament jiġi emendat bħal fil-varjant "Kummerċ" hawn fuq, iżda l-ambitu jitwessa' aktar milli fl-alternattiva "Swieq" u din l-alternattiva għalhekk tkun tirrappreżenta l-elementi pożittivi kollha tal-alternattivi l-oħra u minbarra hekk tippermetti lill-EGF biex jirreaġixxi aħjar għall-ħtiġijiet li tipproduċi l-kriżi finanzjarja globali.

IL-KONKLUŻJONI

Mill-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni, jidher li l-alternattiva 4 "Titjib u bidliet operazzjonali li jirreaġixxu għal tħarbit serju fl-ekonomija minħabba l-globalizzazzjoni" tipprovdi l-benefiċċji kollha tal-alternattivi l-oħra u li għandha l-potenzjal li tindirizza aktar episodji tal-globalizzazzjoni u tilħaq aktar ħaddiema li qed jirċievu assistenza mill-EGF. Għalhekk l-alternattiva 4 tidher li tissodisfa aħjar l-għan ta' solidarjetà minħabba li tagħmel lill-appoġġ disponibbli għal aktar ħaddiema li ngħataw is-sensja.